# Stqarrija

## Magical Trees: eTwinning jiltaqa' ma' Dinja Waħda

L-Erbgħa 6 ta' Mejju 2026, tfal mill-iskejjel primarji tar-Rabat u ta' Ħad-Dingli ngħaqdu flimkien fil-Ġnien Dinja Waħda fl-iskola San Anton biex jiċċelebraw is-seħer tas-siġar f'għodwa ta' attivitajiet b'tema tan-natura. It-tliet skejjel qed jieħdu sehem fl-ewwel proġett nazzjonali eTwinning biex jaqsmu n-natura fil-ġonna tagħhom permezz tal-programm ta' edukazzjoni ambjentali ta' BirdLife Malta, Dinja Waħda.

Tul is-sena skolastika, it-tfal ħadu sehem f'numru ta' attivitajiet iffukati fuq is-siġar fil-Ġonna Dinja Waħda tagħhom bħala parti minn proġett eTwinning. eTwinning hija komunità online għall-iskejjel fl-Ewropa li tippromwovi ħiliet interkulturali u litteriżmu diġitali. Il-pjattaforma tipprovdi opportunitajiet lill-għalliema biex jipparteċipaw fi skambji online u fuq il-post.

Il-kordinatur nazzjonali tal-eTwinning Rosanne Camilleri qalet li l-eTwinning tista' tgħaqqdu ma' liema suġġett trid bħax-xjenza, in-natura, il-Malti għax qed jitgħallmu l-ismijiet tas-siġar, tal-pjanti, tal-ħabitat, u anki ta' insetti u annimali żgħar. "Għandek l-Istudji Soċjali, għandek il-Ġeografija, għandek l-ambjent. Xorta huma suġġetti li qed jitgħallmu akkademikament, imma ma jfissirx li bilfors trid tkun ġo klassi bilqiegħda, ġewwa. Tista' toħroġ barra, anzi lit-tfal qed nagħtuhom din l-esperjenza li jmissu man-natura, mhux biss jisimgħu fuqha u naraw forsi videos tagħha u stampi," kompliet tispjega.

'Magical Trees' jiġbor flimkien tliet skejjel biex jaqsmu ethos komuni li jqarreb lill-istudenti tagħhom man-natura.

Francesca Cassar, għalliema fl-iskola San Anton, qalet li kien faċli ħafna għall-iskola li ddaħħal il-proġett bi sħab bejn eTwinning u Dinja Waħda fil-kurrikulu. "It-tfal interessati, jappoġġjaw ħafna dan il-proġett u jistaqsu ħafna domandi. Tgħallmu ħafna dwar is-siġra tal-ħarrub u nittamaw li meta jmorru d-dar jgħidu lill-ġenituri tagħhom x'qed jitgħallmu biex naħdmu aktar id f'id u nħobbu aktar in-natura tagħna."

Elaine Gauci, għalliema fl-iskola primarja ta' Ħad-Dingli, qalet li b'dan il-proġett, it-tfal tgħallmu japprezzaw ħafna aktar in-natura u fost affarijiet oħra saru jafu aktar is-siġar li għandhom fil-Ġnien Dinja Waħda tal-iskola. "Bdejna nsegwu fost oħrajn is-siġra tar-rand u bdejna naraw il-fjuri li kellha u issa m'hemmx iktar fjuri. Rajna wkoll il-weraq, għaliex aħdar ċar? Għax għadu qed jikber filwaqt li l-oħrajn għandu kulur aħdar skur."

It-tfal fiż-żewġ skejjel primarji tal-Kulleġġ San Nikola u fl-iskola ta' San Anton huma xxurtjati li għandhom spazji naturali fl-iskola tagħhom. Dawn l-iskejjel qegħdin fl-iskema Ġonna Dinja Waħda ta' BirdLife Malta, li għandha l-iskop li ssaħħaħ il-bijodiversità fl-iskejjel u toħloq opportunitajiet biex l-istudenti jinvolvu ruħhom man-natura. Ġonna Dinja Waħda huwa appoġġjat mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, l-ERA. F'isem l-ERA, l-uffiċjal għall-koordinazzjoni ambjentali Sanja Pokrajac qalet li l-ERA hija kburija li qed tagħti sehemha biex tħeġġeġ għarfien dwar in-natura Maltija fit-tfal permezz ta' Ġonna Dinja Waħda.

It-tfal fl-ewwel snin tal-primarja mit-tliet skejjel ħolqu bnadar dekorattivi bi tpinġijiet tas-siġar fil-ġonna tagħhom wara li marru passiġġata josservaw in-natura u jużaw is-sensi f'logħba interattiva permezz ta' kaxxa sensorjali. L-attività ntemmet b'għanja ddedikata lis-siġar u piknik fl-ambjent kwiet u naturali tal-Ġnien Dinja Waħda tal-iskola San Anton.

Skejjel oħra huma mistiedna jimxu fuq il-passi tal-iskejjel 'Magical Trees' ta' din is-sena u jibagħtu ideat għall-proġetti eTwinning tas-sena d-dieħla permezz tal-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta li huwa appoġġjat mill-Bank of Valletta.

**TMIEM**

**Għal aktar tagħrif, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli: Ġonna Dinja Waħda : BirdLife Malta**

**Ritratti:**

1. Tfal u għalliema fl-attività *Magical Trees* jippużaw għal ritratt fil-Ġnien Dinja Waħda tal-iskola San Anton
2. Tfal mit-tliet skejjel imseħbin fl-eTwinning jiltaqgħu, flimkien mal-għalliema tagħhom u uffiċjali mill-ERA

3. Tfal qed ipinġu s-siġar permezz ta' *fingerprinting*
4. Dinja Waħda u eTwinning jingħaqdu għal għodwa ta' gost, attività u natura

**Filmati:**

1. eTwinning newscut